# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 18**

**Rikors numru 1074/07 SM**

**Albert Muscat f'ismu proprju u ghan-nom tal-imsiefra Theresa Tennyson, it-Tabib Salvinu Muscat u b'digriet tat-30 ta' Awwissu 2017 stante l-mewt ta' Salvatore sive Salvino Muscat, l-atti gew trasfuzi f'isem Helen Muscat armla ta' David Amery f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' hutha msiefrin minn dawn il-Gzejjer u cioè Jerome Muscat, Julian Stuart Muscat, u Justin James Muscat, Francina Manche` armla ta' Gilbert u b'digriet tat-30 ta' Awwissu 2017 stante l-mewt ta' Francesca sive Francina armla ta' Gilbert Manchè l-atti gew trasfuzi f'isem it-Tabib Dottor Alexander Manchè, Anna Azzopardi mart Joseph Azzopardi u Carol Manchè gja mart Mario Giacchino minnu legalment separata, Ethel Muscat armla tat-Tabib John, Louise Balzan mart Michael, u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018 stante l-mewt ta' Louise Balzan nee` Muscat l-atti gew trasfuzi f'isem Rodianne Romina Robbins mart Peter Lee Robbins u f'isem Keith Balzan (it-tnejn ahwa Balzan), Monique Zammit mart Gerard, Josette Amato mart Edward, u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018 stante l-mewt ta' Josette Amato nee` Muscat, l-atti gew trasfuzi f'isem Edward Amato, Claude Muscat, Mary Mangion mart Godfrey u l-istess imsemmija Michael Balzan, Gerard Zammit, Edward Amato u Godfrey Mangion ghal kull interess li jista' jkollhom, Phyllis Muscat armla tat-Tabib Paul f'isimha proprju u ghan-nom tal-imsiefrin Robert u Simon Muscat, Marisa Pace mart**

**Guido, Sandra Pace mart Silvio, David Muscat u l-istess imsemmija Guido Pace u Silvio Pace ghal kull interess li jista' jkollhom, it-Tabib Josie Muscat, Anthony sive Tony Muscat, Dennis Muscat, f'ismu proprju u ghan-nom tal-imsiefrin Victor Muscat u Cecil Muscat, Silvio Muscat, Marion Cauchi Savona mart Lewis, u l-istess imsemmi Lewis Cauchi Savona ghal kull interess li jista' jkollu u Noel Muscat, John Restall, f'ismu proprju u ghan-nom tal-imsiefra Maureen Pillow, mart Norman u tal-istess Norman Pillow, Edward Restall u Simone Anastasi mart Stephen u l-istess imsemmi Stephen Anastasi ghal kull interess li jista' jkollu, Rosa Brincat, armla ta' Salvinu, Anna Nelson, xebba u Anthony Nelson, Mary Grima armla tat-Tabib William Grima, l-Avukat Dottor Francis Lanfranco u martu Claire Lanfranco, Peter Lanfranco, Christine Fabri mart Alfred, u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018 stante l-mewt ta' Christine Fabri l-atti gew trasfuzi f'isem Alfred Fabri f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Simon Fabri assenti minn dawn il-Gzejjer debitament awtorizzat, u ta' Angela Montanaro mart Simon Montanaro, Roberta Fenech mart Michael u l-istess imsemmija Alfred Fabri u Michael Fenech ghal kull interess li jista' jkollhom u skont digriet datat 29 ta'April, 2013, l-atti gew trasfuzi f'isem Marianne Brincat, mart Pasquale Massa, l-Avukat Dottor Fransina Abela, mart Maurice Abela, Doris Mangion mart il-Perit Anthony Mangion, Mario Brincat, Gregory Brincat, u Josette Brincat, stante l-mewt ta' ommhom Rosa Maria sive Rosa Brincat fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Joseph Conti u martu Vincenza sive Joyce Conti u binthom Daniela Conti ghal kull interess li jista' jkollha u skont digriet datat l-14 ta' Novembru, 2012, gie ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuni ta' Vincenza sive Joyce Conti, Daniela De Battista, Simone Farrugia u David Conti minflok id-defunt Joseph Conti**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-22 ta' Ottubru illi permezz taghha l-istess Qorti cahdet it-talbiet attrici.

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

1. "Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. "Illi r-rikorrenti huma flimkien proprjetarji tal-korp ta' bini numru 37, Triq il-Kappuccini, il-Furjana;

1.2. "Illi l-korp ta' bini indikat fil-paragrafu precedenti hu amministrat min Albert Muscat – wiehed mir-rikorrenti;

1.3. "Illi l-appartament numru erbgha (4) ta' l-imsemmi korp ta' bini hu mikri lill-intimati bhala residenza ordinarja taghhom bil-kera annwali ta' sitta w ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu, (LM26.60);

1.4. "Illi l-appartament numru tlieta (3), fl-istess blokk hu mikri lill-omm l-intimati, certa Rosaria sive Lucy Conti ghall-kera annwali ta' wiehed u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (Lm51.20);

1.5. "Illi l-intimati konjugi Joseph u Vincenza sive Joyce Conti ghandhom tifla wahda – Daniela – li tghix maghhom fl-appartament numru erbgha (4) fuq indikat;

1.6. "Illi bejn iz-zewg appartamenti hawn fuq indikati kien jezisti bieb li kien jinzamm maghluq;

1.7. "Illi r-rikorrenti kienu taw il-permess biex dan il-bieb jinfetah ghall-konvenjenza tal-imsemmija familja Conti;

1.8. "Illi nonostante *cio`*, il-kirjiet fuq indikati baqghu separati, (ara paragrafi wiehed punt tlieta, (1.3), u wiehed punt erbgha, (1.4), aktar 'il fuq u baqghu jithallsu separatament mill-inkwilin rispettiv;

1.9. "Illi madwar Jannar, 2006, mietet l-imsemmija Rosarja sive Lucy Conti;

1.10. "Illi minn dik l-okkazjoni 'l quddiem is-sidien ma baqghux jaccettaw aktar il-kera tal-appartament numru tlieta (3) fuq riferit, stante li l-kirja intemmet bil-mewt tal-imsemmija inkwilina u ma kien hemm hadd li seta' jkollu dritt ghall-lokazzjoni *de quo*;

1.11. "Illi r-rikorrenti kemm –il darba talbu lill-intimati biex jirritornaw ic-cwievet tal-appartament in dizamina, izda inutilment;

1.12. "Illi ghalhekk l-intimati konjugi Conti baqghu jokkupaw l-istess appartament minghajr titolu fil-ligi u allura, abbuzivament;

1.13. “Illi r-rikorrenti jixtiequ jizgumbraw lill-intimati mill-appartament numru tlieta (3) fuq riferit;

1.14. “Illi jezistu l-elementi kollha kontemplati fl-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

1.15. “Illi ghaldaqstant aderew lil din il-qorti biex, ghar-ragunijiet premessi:

1.15.1. “Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom, qieghdin jokkupaw u jiddetjenu abbuzivament u minghajr titolu fil-ligi, il-proprjeta` numru tlieta (3), formanti parti mill-korp ta’ bini numru sebgha u tletin, (37), Triq il-Kappuccini, il-Furjana;

1.15.2. “Tordna l-izgumbrament tal-intimati, jew min minnhom, mill-imsemmija proprjeta`, u dan, fi zmien qasir u perentorju ffissat min din il-qorti;

1.15.3. “Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra l-intimati;

“2.0. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati ai fini tal-artiklu 170 (1) tal-Kap 12 fuq indikat li permezz taghha sintetikament bil-gurament esponew s-segwenti:

“2.1. Illi l-procedura adottata mir-rikorrenti hi irregolari jew inapplikabbli;

“2.2. Illi nonostante li r-rikorrenti jsostnu li l-intimati m’ghandhomx difiza x’jipproducu ghat-talbiet taghhom, mhux biss ghandhom difiza izda din kienet ukoll ingiebet a konjizzjoni tar-rikorrenti qabel ittentaw il-procedura odjerna, (ara fol 18 u 19);

“2.3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienu jafu li r-rikorrenti gia` kellhom difiza x’jipproducu;

“2.4. Illi d-difiza tikkonsisti fil-fatt li l-intimati jokkupaw il-fond meritu ta’ din il-procedura b’titolu ta’ lokazzjoni;

“2.5. Illi l-fondi numri tlieta (3) u erbgha (4) in dizamina huma regolati b’zewg (2) kirjiet distinti;

“2.6. Illi l-imsemmija appartamenti saru appartament wiehed bil-kunsens tar-rikorrenti;

“2.7. Illi l-intimati konjugi Conti u wliedhom ghexu flimkien ma’ omm l-intimat Joseph Conti – Rosaria sive Lucy Conti – fl-imsemmi ambjent uniku fuq indikat;

"2.8. Illi l-intimati konjugi Conti daru bl-imsemmija Rosaria sa meta mietet fit-8 ta' Jannar, 2006;

"2.9. Illi wlied l-intimati konjugi Conti – Daniela u David – kienu jghixu ma' l-imsemmija Rosaria fil-gurnata tal-mewt taghha;

"2.10. Illi meta kien guvni, l-intimat Joseph Conti kien jghix ma' l-imsemmija ommu Rosaria fl-appartament numru tlieta (3) fuq riferit, meritu ta' din il-procedura;

"2.11. Illi anke meta zzewweg baqa' jghix ma' martu l-ko intimata fuq indikata, fl-istess appartament numru tlieta (3) fuq riferit;

"2.12. Illi l-appartament numru erbgha (4) kien mikri lil Charles Conti, hu l-intimat Joseph, li emigra ghall-habta tal-1970;

"2.13. Illi sussegwentement l-intimat Joseph Conti kera l-appartament vakat kif indikat fil-paragrafu precedenti;

"2.14. Illi ghalhekk l-intimati konjugi Joseph u Vincenza sive Joyce Conti, u wliedhom Daniela u David ahwa Conti, jokkupaw u jirrisjedu fl-appartamenti numri tlieta (3) u erbgha (4) fil-blokk fuq riferit;

"2.15. Illi ghalhekk l-intimati huma protetti mill-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. "Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata l-20 ta' Dicembru, 2007, li essenzjalment irriproduciet dak elenkat fil-paragrafu numru tnejn (2) aktar qabel;

4. "Illi pero` f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li ma jidhirx li l-intimati kienu gew precedentement awtorizzati jipprezentaw l-imsemmija risposta guramentata stante li ma jirrizultax li l-qorti esprimiet ruhha fit-termini tal-artiklu 170 (2) li kien hemm ragunijiet bizzejjed li fil-fehma tal-qorti kienu juru li *prima facie* l-intimati kellhom eccezzjonijiet x'jipproducu;

5. "Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datat id-19 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li stante li zzewget fil-mori tal-kawza, l-intimata Daniela Conti m'ghandhiex aktar interess f'din il-procedura, (ara fol 147);

6. "Rat il-verbal tal-istess abbli rapprezentant legali indikata fil-paragrafu precedenti datat l-24 t'April, 2012, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li l-intimat Joseph Conti kien miet, (ara fol 154);

7. "Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu laqghet ir-rikors datat id-9 ta' Novembru, tal-istess sena li permezz tieghu laqghet it-talba hemm kontenuta ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju tal-persuni hemm indikati, (ara fol 160 u 156 rispettivament;

8. “Rat id-digriet taghha datat l-14 ta’ Frar, 2013, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati biex it-trattazzjoni finali tal-kawza ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 162);

9. “Rat in-nota ta’ sottomissjonijet tar-rikorrent datata l-15 t’April, 2013, (ara fol 163), u dik tal-intimati datata l-11 ta’ Gunju, tal-istess sena, (ara fol 174);

“10.Rat id-digriet taghha datat id-29 t’April, 2013 li permezz tieghu laqghet ir-rikors datat iz-19 t’April, tal-istess sena, li permezz tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti hemm indikati ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju tal-persuni hemm indikati, (ara fol 173 u 167 rispettivament);

10. “Semghet ix-xhieda prodotta;

11. “Ezaminat id-dokumenti esebiti;

12. “Ezaminat l-affidavitijiet prodotti;

13. “Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

14. “Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

“Ikkuunsidrat:

“16.0. Illi l-fatti tal-kaz jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“16.1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-blokk t’appartamenti li fihom l-appartament numru tlieta (3) meritu tal-procedura odjerna jifforma parti integrali minnhom;

“16.2. Illi l-imsemmi appartament kien mikri lill-intimati li niffduh bil-kunsens tal-istess rikorrenti mal-appartament numru erbgha, (4) u wzaw l-istess appartamenti hekk imniffda bhala r-residenza ordinarja taghhom;

“16.3. Illi l-appartamenti in dizamina kienu mikrija lill-intimati ghall-*canone* indikati fil-paragrafi enumerati wiehed punt tlieta, (1.3). u wiehed punt erbgha (1.4) aktar qabel);

“16.4. Illi l-konjugi Conti fuq riferiti kienu jghixu fl-imsemmija appartamenti flimkien mal-familja taghhom;

“16.5. Illi ghandu jkun pacifiku li ghalkemm l-appartamenti in dizmaina gew hekk rezi appartament wiehed xorta jibqa’ l-fatt li kienu

jikkostitwixxu zewg (2) realtajiet legali separati u distinti minn xulxin stante li kienu jinkrew separatament;

“16.6. Illi l-appartament numru erbgha (4) ghadu validament mikri mill-intimati u r-rikorrenti m’huma jivvantaw l-ebda pretensjoni fir-rigward;

“Ikkonsidrat:

“17.0. Illi ghalhekk il-vertenza vera u proprja hi dik rigwardanti l-appartament numru tlieta (3) fil-blokk in dizamina li fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

“17.1. Illi dan kien originarjament mikri mir-rikorrenti lil Rosaria sive Lucy Conti;

“17.2. Illi din Rosaria indikata fil-paragrafu precedenti mietet mit-8 ta’ Jannar, 2006;

“17.3. Illi fil-gurnata tal-mewt tal-imsemmija Rosaria fuq indikata kien hemm jghixu maghha l-ahwa Daniela u David Conti ulied il-mejtin Joseph u Vincenza sive Lucy Conti;

“17.4. Illi ghalkemm l-imsemmija Daniela tramite ra-rapprezentant legali taghha indikat li m’ghandhiex aktar interess f’din il-procedura, (ara paragrafu numru hamsa, (5), aktar qabel u fol 147), xorta talbet li l-atti jigu trasfuzi wkoll f’isimha wara l-mewt ta’ l-intimat missierha Joseph, (ara paragrafu numru sebgha (7) aktar qabel u fol 156);

“17.5. Illi konsegwentement l-imsemmija Daniela Conti llum De Battista, xorta wahda ghadha meqjusa bhala wahda mill-intimati;

“Ikkonsidrat:

“18. Illi bhala persuni tal-familja li kienu qed jghixu fl-appartament numru tlieta (3) in dizamina bhala tali fil-mument tal-mewt tan-nanna taghhom Rosaria fuq indikata, allura huma protetti mill-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta kif allegat mill-intimati;

“**DECIDE:**

“19. Illi konsegwentement ghar-ragunijiet fuq sintetikament esposti din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji r-risposti guramentati tal-intimati u konsegwentment tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez”.

L-atturi ghalhekk appellaw minn din is-sentenza u qed jitolbu r-revoka taghha u allura li jigu akkolti t-talbiet taghhom; l-appellati rrispondew billi talbu l-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju huwa essenzjalment dwar il-fatti li taw lok ghall-proceduri. Wara illi elenkaw il-fatti l-appellanti jghidu illi wara l-mewt ta' Rosaria Conti, binha Joseph ippretenda li kellu dritt jiddetjeni wkoll l-appartament numru 3 suggett tal-kawza u kwindi l-appellanti bdew il-proceduri kontra tieghu u martu u binthom Daniela (dak iz-zmien kienet ukoll toqghod fl-appartament numru 4). L-appellanti jzidu jghidu illi fil-fatt il-Prim'Awla accetat it-tezi taghhom illi z-zewg appartamenti kienu soggett ta' kirjiet distinti. Ghalhekk l-intimati ma setghux jivvantaw titolu ta' lokazzjoni fuq l-appartament numru 3.

Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt*

*ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti però f'kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

L-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom, kif inghad, jirriassumu l-fatti tal-kawza u l-ewwel Qorti jidher li accettathom bhala korretti. Il-Qorti però fl-ahhar parti tas-sentenza jidher li cahdet it-talbiet attrici minhabba li Daniela neè Conti li iddahhlet fil-kawza bhala eredi ta' missierha Joseph Conti illi miet fil-mori tal-kawza, kienet tghix ma nannitha Rosaria Conti meta din mietet fl-2006. Din tal-ahhar ma hemmx dubbju (u dan rikonoxxut mill-appellanti) li kienet l-inkwilina rikonoxxuta tal-fond in kwistjoni. Madankollu, l-istess Daniela (issa Debattista) kienet iddikjarat

li ma kienitx baqghet tghix fil-fond ghaliex izzewget u marret toqghod banda ohra – kwindi ma kienx ghad baqalha interess fil-kawza (fol 147).

Din il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-kwistjoni li kellha tigi deciza ma kienitx jekk l-imsemmija Daniela Conti kellhiex il-protezzjoni tal-Kap. 69 ladarba hija stess iddikjarat li ma kienx ghad baqalha interess fil-kawza. Il-Qorti kellha allura tiddeciedi biss jekk fil-mument tal-mewt ta' Rosaria Conti, il-konjugi Conti kienux protetti mill-istess Kap. 69 ghaliex huma biss kien ghad baqghalhom dak l-interess u dak il-bzonn izda Daniela nee Conti dahlet fl-okkju biss ghal skopijiet procedurali. L-aggravju ghalhekk huwa gustifikat. Ladarba mbaghad gie nieqes Joseph Conti, illum il-kwistjoni hija jekk martu Vincenza Conti hijiex protetta b'dan il-mod.

Ghalhekk, fil-waqt li l-appellanti ghandhom ragun jilmentaw bil-mod kif giet deciza l-kawza, tibqa' din il-kwistjoni li hija fil-fatt l-aggravju l-iehor taghhom u cioè jekk il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta huwiex applikabbli f'dan il-kaz – u allura jekk il-konjugi Conti kienux jabitaw mal-mejta Rosaria Conti fil-mument tal-mewt taghha fl-2006. Dwar dan naturalment il-partijiet mhumiex qed jaqblu.

Fis-sentenza li tat fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et v. Gauci et** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta' provi fil-kamp civili billi qalet

hekk – "*Huwa pacifiku f`materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; 2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "***Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001***". Jinsab ravvisat ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru, 1966, li "*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lillohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*".

L-istess Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003 qalet li:

> "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn listess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal lkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta'*

> *dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.* Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia v. Farrugia",** "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*".

F'gudizzju civili infatti il-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Huwa minnu wkoll però li kif konformament mal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negata*" u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

F'din il-kawza fil-fatt il-Qorti ghandha zewg verzjonijiet; l-appellanti jghidu l-fond numru 3 kien mikri biss lil Rosaria Conti fil-waqt li l-konjugi konvenuti kienu inkwilini biss tal-fond numru 4. Ghalihom il-fatt li z-zewg familji kienu ghaqqdu z-zewg apartamenti billi fethu l-bieb li kien jaqsamhom ma jfissirx li kienu joqghodu flimkien. Da parti taghhom l-appellati jsostnu li l-fondi kienu saru wiehed u huma kienu joqghodu flimkien u li kienu jaghmlu dan ghal diversi snin.

Mill-provi prodotti jidher li ghalkemm l-appellanti zammew iz-zewg kirjiet separati, jidher li maz-zmien, bil-konoxxenza tal-appellati, il-konjugi Joseph u Vincenza Conti okkupaw ukoll il-fond numru 3 mal-mejta u circa 30 sena ilu anke saru xi xoghlijiet fihom biex saru effettivament fond wiehed (ara d-depozizzjonijiet ta' Lino Borg u Elpides Gatt (fol 58 et sequitur)) li huma girien tal-appellati. Dan naturalment barra wkoll id-depozizzjonijiet tal-istess appellati. Jidher ukoll minn dawn id-deposizzjonijiet u ohrajn li l-appellanti kienu jafu b'dawn ix-xoghlijiet u intalab il-permess taghhom u allura akkwijexxew ghal dan. Jinghad infatti li "*Naturalment dan il-kunsens espress ma hemmx bzonn jirrivesti ebda forma sagramentali; però 'espress' jehtieg li jkun, ghad illi ghall-prova tal-ghoti tieghu, meta jigi affermat, jista' jittiehed sussidju anki mic-cirkostanzi*" (**Kollez. Vol. XLII P I p 66**); ma hemmx dubbju li l-appellanti kienu anke jafu illi kienu qed isiru dawn ix-xoghlijiet u ghall-inqas wiehed minnhom kien prezenti meta kien hemm il-persuni jahdmu fil-post. Anke a fol 64, ir-Reverendu John Baptist Farrugia qal li kien imur iqarben lill-mejta u qatt ma kellu dubbju li l-familja kollha (ossija Rosaria Conti u binha flimkien mal-familja ta' dan tal-ahhar) kienu joghodu fiz-zewg appartamenti flimkien. Ghalhekk ghar-ragunijiet imsemmija u mhux ghal dik indikata mill-ewwel Qorti, anke din il-Qorti se tichad it-talbiet attrici.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi ghar-ragunijiet imsemmija (u mhux ghal dawk indikati fis-sentenza appellata) tichad l-istess u kwindi tikkonferma s-sentenza appellata fid-decide taghha. L-ispejjez tal-appell stante li l-ewwel aggravju kien gustifikat, ikunu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb